# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

GHARGHUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-hamsa u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 3 ta' Gunju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Mifsud Michael |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.35p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 54**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li konna tlabna lil-Perit Janice Zahra sabiex tipprovdi l-informazzjoni mehtiega mill-MEPA. Huwa qal li jinsab infurmat li l-fond bhalissa jammonta ghal madwar € 25,000.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku qal li l-applikazzjoni qed tigi ipprocessata mill-MEPA. Rigward il-lapida tat-Torri giet unanimament approvata kif emendata mill-Ministeru pero' jissemma il-Vici-Sindku. Huwa qal ukoll li l-fossa kienet tlestiet filwaqt li l-*perspex* ta' quddiem il-mappa kienet wehlet ukoll. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu t-twahhil tal-bieb tal-garaxx u ta' l-arblu tal-bandiera kif ukoll li jixtraw il-bnadar.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li mill-ahhar laqgha l'hawn ma kienx hemm aktar zviluppi u ghalhekk gie deciz li ninsistu ma' Bitmac Ltd. sabiex ix-xoghol mitlub mill-W.S.C. jinbeda kemm jista jkun malajr.

**3.4** ***Para 3.4 – Scouts fil-Gharghur:*** Il-Kunsillier P. Fenech bhala rapprezentant ta' l-iScouts tar-rahal informa li kien gie deciz li l-iscouts japplikaw direttament ghad-devoluzzjoni tal-post Tal-Ferha u ghalhekk fil-granet li gejjin kienu ser isiru xi laqghat kemm ma'l-ghaqda ta' l-iscouts lokali kif ukoll mad-Dipt. ta' l-Artijiet.

**3.5** ***Para 3.5 – Applikazzjonijiet 313 u 323:*** L-Agent S.E. informa li l-applikazzjonijiet kienu saru kif stipulat.

**3.6** ***Para 3.6 – Xoghlijiet GO p.l.c. :*** Is-Sindku nforma li l-GO plc kienu qablu li jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega fi Triq Caravaggio.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**3.7** ***Para 3.9 – Reserved Parking Bays:*** L-Agent S.E. informa li Koptasin kienu nfurmawna li x-xoghlijiet mitluba kienu ser isiru l-Erbgha 10 ta' Gunju. Huwa qal li kienu ser jitwahhlu tabelli tan-*No Parking* sabiex ir-residenti ikunu jafu li ser isiru x-xoghlijiet u ma jkunx hemm ipparkjar ta' vetturi.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:00 p.m.***

**3.8** ***Para 3.10 – Jum il-Gharghur 2009:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew l-istima minghand il-Kumitat tal-Banda filwaqt li l-Vici Sindku ghandu jgib *samples* tal-*memento* li ser jinghataw lil kull Kunsillier li xi darba serva fir-rahal fl-okkazzjoni tal-15-il sena ta' Gvern Lokali. Huwa qal ukoll li l-4 persuni innominati ghal Gieh Excelsior kienu gew infurmati b'dan. Gie unanimament deciz li jingiebu kwotazzjonijiet ghal provvista' ta' *PA System*, kiri ta' siggijiet kif ukoll li nikkonfermaw li l-Kappillan jista jbierek it-Torri.

**3.9** ***Para 3.14 – Ftuh ta' xelter:*** Is-Sindku ipprezenta r-rapport imhejji mill-*Case Officer* tal-MEPA rigward il-ftuh tax-xelter. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni li l-MEPA qed tirrakkomanda l-ftuh tax-xelter kif ukoll tat pariri ta' kif jistghu jsiru x-xoghlijiet. Gie unanimament deciz li ghandha tintalab id-devoluzzjoni ta' dan ix-xelter minghand il-Gvern Centrali kif ukoll li jingiebu stimi sabiex issir entratura tal-hadid.

**3.10** ***Para 3.16 – Huggiega ta' San Gwann:*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li ghal din l-attivita' kienu ser jingiebu 4 ghannejja li kienu ser jigu jiswew € 120. Din il-proposta giet unanimament approvata. Gie unanimament deciz ukoll li jitqassmu *flyers* fir-residenzi sabiex navzaw d-dettalji ta' din l-attivita', jinkisbu l-permessi kollha mehtiega minghand il-Pulizija u l-ADT u li ghal dak in-nhar ta' l-attivita', l-Pjazza tinghalaq minn wara nofsinhar sabiex ikunu jistghu isiru l-preparamenti necessarji.

**3.11** ***Para 3.17 – Zvilupp fi Triq San Gwann. :*** Is-Sindku nforma li kienet saret laqgha ma' l-izviluppaturi u l-Perit taghhom fejn gie deciz li tigi esplorata l-possibilita' li l-*main* tad-drenagg jitqabbad minn Triq Naxxar jew minn Triq Stiefnu Zerafa. Huwa qal ukoll li resident kien infurmah li fi Triq San Gwann fejn saret wahda mill-marki hemm giebja.

**3.12** ***Para 3.20 – Attivita Gharghur F.C.*** – Is-Sindku nforma li din l-attivita kienet ser isir ghada l-Hamis. Il-Kunsillier A. Muscat informa li t-tazza li ser tigi pprezentata bhala tifkira ta' l-okkazjoni kienet inxtrat.

**3.13** ***Para 5.1*** – L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lil min kien ghamel it-talba ghall-kumpens u spjegalu li d-dokumentazzjoni li kienet giet ipprezentata originarjament kienet nieqsa minn hafna informazzjoni kif ukoll ir-rapport tal-Pulizija ma kienx jindika kif saret il-hsara fuq il-vettura. Ir-resident kellu jirrevedi d-dokumenti, ikellem lill-Pulizija u jerga jigi l-Kunsill. S'issa sid il-vettura ma kienx rega kellimna.

Sadanittant kien inxtara fanal iehor u konna qed nistennew lil Victor Mula sabiex iwahhlu.

**3.14** ***Para 7.2 – Ktieb mixjiet fir-rahal*** : Is-Sindku pprezenta l-ahhar verzjoni (bl-ingliz) ta' dan il-ktieb u dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti. Is-Sindku spjega li

huwa ttamat li l-kopji tal-ktieb ikunu ghandna sal-bidu ta' Lulju.

**3.15** ***Para 7.4 – Xoghlijiet fi Triq Caravaggio*** : Is-Sindku nforma li x-xoghol kien sar aktar kmieni din il-gimgha.

**3.16** ***Para 7.5 – Fuljett :*** Il-Kunsill ma qabilx mad-disinn tal-fuljett u gie deciz li sa laqgha ohra jingieb disinn gdid u stimi godda.

***Il-Vici Sindku nghaqad mal-Kunsill fit-8:00 p.m***

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezenta l-infieq li kien sar mill-*Petty Cash* matul ix-xahar ta' Mejju 2009 u dawn gew approvati unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Ilment verbali dwar ammont ta' terrapien li ntefha fi Sqaq il-Hofra. Gie deciz li nitolbu lil P.A.R.K.S. sabiex jghinuna inehhu dan it-terrapien minn fuq il-post.

**5.2** Talba verbali sabiex il-Gwardjani Lokali jintbghatu jissorveljaw l-inhawi ta' Sqaq Warda fil-ghaxija minhabba l-hmieg tal-klieb. Filwaqt li gie nnotat li l-Kunsill ma jkollux is-servizz ta' Gwardjani Lokali fil-hin mitlub gie approvat li nitolbu lil Gwardjani Lokali sabiex jaghmel aktar sorveljenza meta jkun qeghdin fir-rahal.

**5.3** Ilment verbali dwar *flower pot* quddiem residenza fi Triq Caravaggio li allegatament qed tohloq inkonvenjent ghal min ikun irid jghaddi minn fuq il-bankina. Gie unanimament deciz li ninfurmaw li minn ghamel dan l-ilment sabiex jirreferi lill-Pulizija.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 33/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Kunsilli Lokali (Gemellaggi).

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta' Fondi ghall-Energija.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza mill-MEPA dwar fondi taht il-Fond EIPP.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill jipprova jikseb fondi ghar-restawr tat-Torri tas-Semaforu.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Is-Sindku ta dettalji ta' laqgha li huwa flimkien ma' Kunsillieri ohra kellu ma ufficcjal mill-Wastserv dwar il-*Bring-in-site* ta' Triq Caravaggio. Huwa qal li fost ohrajn il-Kunsill talab li l-area ta' fejn il-*Bring-in Site* ta' Triq Caravaggio titnaddaf aktar spiss, tigi installata CCTV u tabelli ta' twissija ghall-pubbliku. Huwa qal li ntalbet ukoll l-ghajnuna tal-Wastserv sabiex jinstab sit addattat sabiex issir *underground bring-in site.*

**7.2** Is-Sindku nforma li kif diga gie ndikat aktar il-quddiem, il-Kunsill kien inghata s-somma ta' €2, 333 taht l-iskema ta' Fondi ghall-Energija. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jikkuntattja lil Galea Curmi Engineering Consultants li kienu hadu hsieb l-applikazzjoni originali sabiex nesploraw il-possibilita' li flimkien ma' Kunsilli ohra jinhareg *tender* komuni ghall-provvista u nstallazzjoni ta' *Photovoltaic Panels.*

**7.3** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jgib stimi sabiex titranga s-sistema ta' dawl fi Gnien il-Paci.

**7.4** Is-Sindku nforma li b'effett immedjat, il-minuti tal-laqghat tal-Kunsill qed jibdew jidhru fuq il-*website* tal-Kunsill.

**7.5** Is-Sindku nforma li l-Grupp *Leader* li l-Kunsill taghna jaghmel parti minnu kien gie allokat is-somma ta' € 90,000 sabiex ikun jista jsir Pjan Stategiku u li aktar kmieni llum kienu nfethu l-offerti ghal dan il-ghan. Aktar dettalji ser jinghataw fil-futur.

***Il-Kunsillier M. Mifsud halla l-laqgha..***

**7.6** Gie unanimament deciz li l-korsijiet li kienu ser isiru tal-kompjuter jithassru u dan peress li ftit kienu dawk li applikaw. Dawk il-persuni li kienu applikaw ghandhom jinghataw *refund.*

**7.7** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jitlob lil Perit Janice Zahra sabiex taghmel *Traffic Management* ta' l-area fid-dahla ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn sabiex jizdiedu l-postijiet ta' parkegg fl-inhawi.

**7.8** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jordna 800 baskett tac-carruta minghand UV Print ghas-somma ta' € 552 + VAT li jinkludi l-istampar b'kulur wiehed fuq naha wahda wara li din l-offerta giet meqjusa bhala l-aktar wahda vantaggjuza minn dawk li konna rcivejna. (*Schedule* tal-kwotazzjonijiet li rcivejna jinsab anness).

***Il-laqgha ntemmet fid-9.10 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 16 ta' Gunju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **16 ta' Gunju 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |